# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

## Illum il-Ġimgħa, 11 ta' Jannar 2019

**Kawża Nru: 18**

**Rik Ġur Nru: 1219/ 11 JA**

**Natasha Wood et**

**-vs-**

**Mary Grace Wood et**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentant tal-atturi Natasha u Mark Anthony aħwa Wood li permezz tiegħu ppremettew:

Illi skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness, esebit u mmarkat bħala Dok 'A', fis-7 ta' Novembru 2010 miet Anthony Wood, missier ir-rikorrenti Natasha u Mark Anthony aħwa Wood li huma wlied il-mejjet Anthony Wood mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' ommhom Emmanuela *sive* Emma nee' Montebello;

Illi l-intimata Mary Grace Wood hija l-armla tal-imsemmi Anthony Wood mit-tieni żwieġ tiegħu;

Illi skont it-Tielet Artikolu tat-testment *unica charta* tal-imsemmi Anthony Wood u martu Mary Grace Wood, datat 23 ta' Ġunju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok 'B', id-*decuius* innomina bħala l-unika werrieta universali u padruna assoluta tal-ġid tiegħu kollu preżenti u futur, mobbli u immobbli, lil martu superstiti l-intimata Mary Gace Wood;

Illi skont skont ir-Raba' Artikolu tal-imsemmi testament (Dok 'B'), id-*decuius* Anthony  Wood ħalla lil uliedu r-rikorrenti s-sehem riżervat lilhom bil-Liġi;

Illi dan it-testment datat 23 ta' Ġunju 2006 (Dok 'B') huwa l-aħħar testment tal-mejjet Anthony Wood, u dan skont kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji magħmula fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), li kopja tagħhom qed jiġu hawn annessi, esebiti u mmarkati bħala Dok 'C' u Dok 'D' rispettivament.

**<u>Ir-Raġuni tat-Talba</u>**

Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimata diversi drabi, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Awwissu 2011 lilha debitament notifikata u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok 'E', sabiex tagħti rendikont sħiħ u dettaljat tal-attiv u l-passiv tal-eredita' tad-*decuius* Anthony Wood u, in kwantu għall-attiv, rendikont sħiħ bil-formanti parti mill-istess eredita', u dan sabiex il-kreditu dovut lill-istess rikorrenti in linea tas-sehem lilhom riżervat mill-Liġi *ai termini* tat-testment in kwistjoni u tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 615 et seq: tal-Kodiċi Ċivili jista' jiġi kwantifikat skont il-Liġi u lilhom debitament imħallas;

Illi b'danakollu, minkejja li ġiet hekk interpellata, l-intimata baqgħet inadempjenti u offriet somma li ma hijiex ibbażata bl-ebda mod fuq il-valur rejali tal-assi tad-*decuius*;

Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

**<u>It-Talbiet</u>**

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex dina l-Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun:-

1. Tistabbilixxi u tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-assi ereditarju appartenenti lid-*decuius* Anthony Wood, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, il-kreditu spettanti lir-rikorrenti in linea tas-sehem lilhom riżervat mill-Liġi u kif imħolli lilhom skont it-testament ta' Anthony Wood tat-23 ta' Ġunju 2006, mill-assi ereditarju tad-*decuius*;

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-sehem riżervat hekk likwidat konsegwentement għall-ewwel talba, anke billi jiġu assenjati lir-rikorrenti tant beni li jikkorrispondu għas-sehem riżervat hekk likwidat;

4. Tinnomina, jekk ikun il-każ, Nutar Pubbliku sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun fil-jum, ħin u post stabbilit mill-Qorti, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Awwissu 2011, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni tad-decuius Anthony Wood, kontra l-intimata li tibqa' minn issa nġuta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Mary Grace Wood preżentata fit-18 ta' Jannar 2012 fejn eċċepiet:

Illi l-esponenti taqbel illi r-rikorrenti għandhom kreditu fuq il-beni tad-defunt a tenur ta' artikolu 615 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta u dan wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali;

Illi mis-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti, għandu jinqata dak kollu li huma rċevew mingħand id-defunt missierhom kif kontemplat f'artikolu 620.4 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi r-raba' (4) talba *in parte* u l-ħames (5) talba ma jistgħux jiġu allokati *stante* illi s-sehem riżervat huwa kreditu ta' valur u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tordna biss ħlas ta' ammont likwidat;

Illi l-esponenti ma għandhomx ibatu spejjeż ta' dana l-ġudizzju u lanqas ma għandhom jiddekorru imgħaxijiet kif kontemplati f'artikolu 615 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi qabel il-preżentata tal-kawża odjerna kkwantifikaw l-ammont dovut lir-rikorrenti u offrew in linea ta' tranżazzjoni għoxrin elf Euro (€20,000) kull wieħed, liema ammont l-esponenti kienu u għadhom disposti jħallsu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriż ir-rapport tal-espert komputista William Spiteri Bailey maħluf bil-ġurament fit-8 ta' Ġunju, 2018 (fol. 313 sa 335).

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2018 fejn il-kawża tħalliet għas sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu assenjati l-porzjoni leġittima lilhom mill-wirt ta' missierhom Anthony Wood. Dan u l-konvenuta li hija martu mit-tieni żwieġ tiegħu, fit-testment tagħhom hallew lill-atturi appuntu l-porzjoni riservata; l-attur irrinunzja għat-talbiet tiegħu in segwitu għal tranżazzjoni, iżda l-attriċi kompliet bil-kawża tagħha.

Fir-rigward tal-mertu, dawn it-tip ta' kawżi jippreżentaw dejjem numru ta' diffikultajiet legali. L-ewwelnett il-kawża naturalment tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar wara l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwarda partikolarment dik li qabel kienet il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116 (2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa imsejħa *parti riservata*) kellhom *japplikaw dwar suċċessjonijiet li li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ*. Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-ligi applikabbli hija dik viġenti, u dan qed jingħad biex meta jiġu ċitati sentenzi fir-rigward l-istess sentenzi għandhom jingħataw il-valur relattiv tagħhom fl-istess rigward.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet fil-verita' hija dwar l-ammont li għandu jkun likiwdat; infatti l-konvenuta taċċetta li għandha tħallas is-sehem riservat kif *del resto* jipprovi t-testment imsemmi, u fil-fatt matul il-kors tal-kawża iddepożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti is-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000) bħala sehem l-attriċi fil-fehma tagħha.

Il-ligi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu. (**"Cutajar vs Cutajar"** deċiża mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003). In vista ta' dan *l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (**"Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer"** deċiza mill-Prim Awla fit-22 ta' Mejju 1950).

Skont l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, <u>id-donazzjonijiet</u> li jkunu saru mit-testatur u eżattament fil-kaz ta' immobbli l-valur tal-proprjeta' fil-mument tal-mewt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġja' ngħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur, iżda anke minn noti tal-**Prof. Caruana Galizia** fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi:

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his deah had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however msy necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due .... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property recieved on donation to thier rights.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Għalhekk kwantu għat-talba attriċi *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejjet kellu erbat itfal, il-leġittima kellha tkun nofs tal-assi, u għalhekk l-attriċi kellha d-dritt tipparteċipa f'dan in-nofs. Għalhekk hija jmissha wieħed minn minn erbgħa ($^1/_4$) tal-wirt ta' missierha. Għandu jingħad li l-leġittima, skont il-liġi allura viġenti kienet tkun dovuta *in natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione.* (**Vol. XXXVIII – P II p 116**). Din kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex fil-waqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittiehdu biss in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-legittima (ara **"Vella vs Bezzina et"** – deċiża mill-Appell fl-20 ta' Novembru 1998), *is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-ligi, molto piu' meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha* (**"Sammut vs Refalo"** – deċiza mill-Prim Awla fit-30 ta' Ġunju 1954). L-istess sentenza **"Wismayer vs Wismayer"** fuq citata qalet illi *"sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa' jseħħ."*

Illi dan ġie rimedjat bl-emendi msemmija u llum l-artikolu 615 (2) jagħmilha ċara li dan id dritt huwa kreditu tal-valur tal-assi tal-mejjet u li huwa dovut l-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-wirt, ossija d-data tal-mewt tad-*decujus* jekk il-kawża tiġi ntavolata *entro* sentejn mill-istess data, kif effettivament sar f'dan-il-każ.

## KONSISTENZA TAL-ASSI

Stabbilit dan il-Qorti trid tgħaddi għall-konsistenza tal-assi tal-mejjet biex tistabbilixxi l-ammont dovut lill-attriċi u hawn huwa fejn ma hemmx qbil bejn il-partijiet.

Skont l-attriċi, l-assi huwa is-segwenti:

**Immobbli:** stima tal-A.I.C. Saliba, inkarigat mill-partjiet, (€881,000 – ara fol 32). Dawn jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Anthony Wood u l-konvenuta.

**Vetturi:** kollha wkoll jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (€34,300).

**Mobbli:** €149,080 skont stima tal-assikurazzjoni fuqhom.

**Avvjament tan-negozju Bobby's Tattoo Studio:** €29,921 (ara fol 318).

**Depożiti bankarji:** Kontijiet ta' €53,758.27 u €4,647.46.

Illi l-attrii tgħid ukoll li l-konvenuta kellha polza ta' assikurazzjoni fuq binha Kaysie li hija lliwikdat biex tħallas is-somma ta' €40,000 lill-attur bħala tranżazzjoni, u għalhekk iddepożitat ir-rimanenti erbgħin elf fil-konfront tal-attrici. Issostni li din il-polza kienet titħallas mill-mejjet (naturalment minn fondi tal-komunjoni), u allura s-somma li llikwidat u ċjoe' €70,308.34 għandha tiġi komputata wkoll għall-iskop tal-kawża odjerna.

Illi finalment l-attriċi tallega wkoll li l-mejjet kellu wkoll xi deheb f'*safe deposit box* il-Bank of Valletta illi sparixxew ftit qabel ma miet; il-konvenuta ssostni li dawn inbiegħu biex jiffinanzja n-negozju li kien sejjer ħażin.

Bħala passiv l-attriċi tirrikonoxxi s-somma ta' kwazi €90,000 (fol 496).

Illi skont il-konvenuta, hija ma tikkontesatx is-somma ta' €881,000 fuq imsemmija u l-avvjament tal-istudio. Lanqas il-kontijiet bankarji anke jekk tgħid li t-tieni kont huwa ta' €1,241.89 u mhux kif indikat aktar qabel. Tgħid pero' li mhux il-vetturi kollha huma tagħha u żewġha għaliex l-oħrajn kienu tat-tfal, u kienu biss irreġistrati fuq il-mejjet għal skop ta' assikurazzjoni. Il-valur tagħhom għalhekk huwa ta' €25,200.

Hemm ukoll nuqqas ta' qbil fuq il-valur tal-mobbli; skont hi il-valur tagħhom skont ix-xhieda ta' John Farrugia huwa ta' €149,080 li jinkludi *fittings* ġja' nklużi fl-istima tal-immobbli. Tgħid ukoll li wirtet €58,234 mingħand missierha u dan kien jifforma parti mill-assi li kellhom u għalhekk hija għandha kreditu f'dan l-ammont fil-konfront tal-komunjoni. Taqbel finalment mal-passiv l-ieħor ta' *circa* €90,000.

Il-Qorti wara li semgħet id-diversi provi hija stess u eżaminat id-dokumenti waslet għall-konklużjonijiet segwenti:

Fir-rigward tal-vetturi d-difiża tal-konvenuta tagħmel sens u l-Qorti temmen il-verżjoni tagħha li fil-fatt kienu tnejn il-vetturi li kellha l-konvenuta u żewġha. Anke fuq it-tieni kont bankarju jidher li għandha raġun skont id-dokument esebit mir-rappreżentant tal-bank. Kwantu għall-*fittings* jidher ukoll li l-valur tal-fondi kien jinkludihom, u għaldaqstant il-Qorti se tnaqqas 10 fil-mija mill-istess valur (u mhux 25 kif mitlub mill-konvenuta). Ġie ampjament ippruvat ukoll li hija wirtet is-somma msemmija mingħand missierha. Fir-rigward tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja ta' Kaisey pero' huwa evidenti li dan kien żgħir wisq biex iħallas hu u huwa evidenti li kienu ħarġuha l-ġenituri tiegħu; Kwindi nofs il-valur tal-likwidazzjoni jappartjeni lill-komunjoni wkoll. Fir-rigward tal-kontenut tas-*safety deposit box*, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi ma ġabitx provi biżżejjed dwar il-kontenut *ai termini* tal-artikolu 562 tal-Kap. 12. *Del resto* kien diffiċli għaliha tagħmel dan.

Għalhekk in suċċint l-assi ereditarji tal-mejjet kienu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Nofs il-valur tal-immobbli: | €440,500 |
| Nofs l-avvjament imsemmi: | € 14,960 |
| Nofs il-valur tal-vetturi: | € 12,600 |
| Nofs il-valur tal-mobbli: | € 73,795 |
| Nofs il-likwidazzjoni tal-assikurazzjoni: | € 35,154 |
| Kontijiet bankarji: | € 27,589 |

Il-konvenuta għandha kreditu ta' €58,234 (tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin Ewro) fil-konfront tal-komunjoni.

Total: €575,481 (ħames mija u ħamsa u sebgħin elf, erba' mija u wieħed u tmenin Ewro).

Minn dan l-ammont irid jitnaqqsu s-somma ta' disgħa u tmenin elf, seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€89,795); għalhekk l-ammont finali li fuqha trid tiġi bbażata l-porzjoni riservata huwa ta' erba' mija u ħamsa u tmenin elf, sitt mija u sitta u tmenin Ewro (€485,686); u kwart ta' terz tagħha huwa erbgħin elf, erba' mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€40,473.83).

Kwantu għall-imgħax skont il-liġi, peress li fl-20 ta' Diċembru 2012 il-konvenuta ddepożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000), għandu jiskatta imgħax legali bit-8 fil-mija mid-data tal-mewt tad-*decujus,* u ċjoe' 7 ta' Novembru 2010 fuq is-somma kollha dovuta sa dakinhar u imbagħad jibqa' għaddej fuq il-bilanċ ta' erba' mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€473.83) sad-data tal-ħlas.

L-ispejjeż għandha thallashom il-konvenuta anke għaliex sa meta ġiet intavolata l-kawża s-somma li offriet kienet ferm 'il bogħod minn dak effettivament dovut.

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi is-somma ta' erbgħin elf, erba' mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€40,473.83) bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-mewt tad-*decujus,* u ċjoe' 7 ta' Novembru 2010 fuq is-somma kollha dovuta sal-20 ta' Diċembru 2012 minn dakinhar, imbagħad jibqa' għaddej l-istess imgħax fuq il-bilanċ ta' erba' mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€473.83) sad-data tal-ħlas.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Mario Debono** |
| **S.T.O. Prim Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |